# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 31**
**Rikors Guramentat Numru : 1112/2018/LSO**

**Leone Bugeja (K.I. 0569658M), Anthony Bugeja (K.I. 0004161M) u Moira llum maghrufa bhala Moyra Bugeja (K.I. 0490776M)**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta’ Leone Bugeja et datat 6 ta’ Novembru 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi r-rikorrenti Leone Bugeja u Anthony Bugeja huma wlied Filippo Bugeja u Maria xebba Micallef, liema zewg genituri taghhom llum jinsabu t-tnejn mejtin, u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid ta' Leone Bugeja (Dok A) u Anthony Bugeja (Dok B) u mill-anness certifikati tal-mewt ta' Filippo Bugeja (Dok C) u Maria xebba Micallef (Dok D);

Illi wara l-premorjenza ta' martu, omm ir-rikorrenti Leone u Anthony ahwa Bugeja, l-imsemmi Filippo izzewweg lil Carmela Gaudenzia maghrufa bhala Carmela nee Borg. Illi r-rikorrenti Moyra Bugeja tigi bint l-imsemmi Filippo Bugeja u Carmela nee Borg, liema zewg genituri taghha llum jinsabu t-tnejn mejtin, u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid (Dok E); u mill-anness certifikati tal-mewt ta' Carmela Gaudenzia maghrufa bhala Carmela nee Borg (Dok F).

Illi Filippo Bugeja u Maria xebba Micallef izzewgu fit-30 ta' Gunju 1957 u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom (Dok G) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, ir-rikorrenti Leone u Anthony, izda wara l-mewt tal-imsemmija Maria xebba Micallef, Filippo Bugeja rega’ zzewweg. Filippo Bugeja zzewweg lil Carmela nee Borg fit-18 ta' Jannar 1975 u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom (Dok H) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, ir-rikorrenti Moyra Bugeja;

Illi r-rikorrenti nnotaw li jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt ta' Filippo Bugeja liema zball jirrizulta mill-fatt illi Carmela Bugeja, qieghda tirrizulta bhala *'Widower'* fl-anness kopja tac-certifikat tal-mewt anness bhala Dok C liema certifikat igib in-numru elf disa' mija u sebghin zbarra elfejn u sittax (1970/2016);

Illi r-rikorrenti jinformaw lil dina l-Onorabbli Qorti li dan huwa zball billi l-imsemmi Carmela nee Bugeja kienet ghadha hajja meta miet missierhom. Fil-fatt l-imsemmija Carmela Gaudenzia Bugeja mietet fil-15 ta' Awwissu 2017;

Illi dan l-izball qieghed igib diffikultajiet lir-rikorrenti, fosthom li qed izomm lir-rikorrenti milli jaqsmu l-wirt tal-imsemmi Filippo Bugeja u jixtiequ li tali zball jigi korrett;

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti ir-rikorrenti jitlobu li c-certifikat tal-mewt ta' Filippo Bugeja jigi rrangat fis-sens li fil-kolonna 'Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla' fl-att tal-mewt 1970/2016 **(Dok C)** tigi korretta sabiex tirrifletti l-verita' tal-fatti;

Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiaisi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti <u>ma ghandhiex:</u>

1. Tiddikjara li jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt bin-numru elf disa’ mija u sebghin zbarra elfejn u sittax (1970/2016) (Dok C) fil-kolonna 'Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla' Filippo Bugeja jirrizulta bhala 'armel' (Widower) ta' Carmela Bugeja nee Borg;

2. Tordna lill-intimat jaghmel korrezzjoni fl-att tac-certifikat tal-mewt 1970/2016 ta' Filippo Bugeja, fis-sens illi fil-kolonna 'Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla', titnehha l-kelma 'Widower' u tigi sostitwita bil-kelma 'Married';

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti tqis li huma mehtiega, ukoll li jigi pubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex jigi msejjah kull min ghandu interess jiddikjara jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba u dan *ai termini* tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2019.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta’ Jannar 2019 (fol 21) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju iehor sabiex jitlobu korrezzjoni

fl-Att tal-Mewt tad-decujus. Dan ir-rimedju huwa stipulat f'Artikolu 257(1)(a) tal-Kodici Civili li jippermetti korrezzjoni ta' jekk il-mejjet kienx mizzewweg jew le, armel jew armla - liema korrezzjoni tista' ssir fuq ordni bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 1970/2016 skont kif mitlub mir-rikorrenti fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponent jeccepixxi illi l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, dan kif proprju jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. Dan id-dokument huwa d-dikjarazzjoni tal-mewt ta' Filippo Bugeja, li saret minn Leone Bugeja. Is-Sur Leone Bugeja kien il-persuna li ddikjara l-informazzjoni necessarja u li kkonferma l-istess permezz tal-firma tieghu stess. Ghaldaqstant, l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 7 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dehru l-atturi assistiti minn Dr Stephen Thake. Xehed bil-gurament tieghu Anthony Bugeja, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Thake ddikjara li ma kellux provi ulterjuri. Dr Ellul irrimettiet ruhha ghal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2019.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-8 ta' Novembru 2018 (fol 20).

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li jigi korrett l-att tal-mewt ta' Filippo Bugeja fis-sens, li fil-kolonna 'Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla' titnehha l-kelma "widower" liema kelma ghandha tigi sostitwita b' "married."

Ikkonsidrat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Ir-rikorrenti Leone Bugeja u Anthony Bugeja spjegaw fir-rikors, li huma wlied Filippo Bugeja u Mary Bugeja. Gie spjegat ukoll, li sussegwentement ghall-mewt ta' ommhom Mary, Filippo kien rega' zzewweg, u miz-zwieg taghhom, kellhom lir-rikorrenti Moyra Bugeja. Ir-rikorrenti nnutaw li rrizulta li sar zball fl-att tal-mewt 1970/2016, anness bhal Dok C, peress li l-imsemmija Carmela nee` Bugeja, it-tieni mara tieghu, kienet ghadha hajja meta miet missierhom Philip. Difatti, jirrizulta mill-att tal-mewt esebit mar-rikors promotur, bhala Dok F, li Carmela Gaudenza Bugeja mietet fil-15 ta' Awwissu 2017, in segwitu ghall-mewt ta' Filippo Bugeja fid-9 ta' Mejju 2016 (*Vide* Dok C).

Ir-rikorrent Anthony Bugeja xehed u kkonferma li l-ismijiet tal-genituri tieghu kienu Philip u Mary Bugeja. Hu kkonferma wkoll, li wara l-mewt ta' ommu, missieru rega' zzewweg, lil Carmen Borg, li saret Carmen Bugeja malli zzewget lil missieru. Qal li kien missieru Philip Bugeja li miet qabel Carmen Bugeja.

*In vista* tas-suespost, din il-Qorti ssib li t-talba hija gustifikata.

Illi gie eccepit li dan ir-rimedju huwa stipulat **f'Artikolu 257(1)(a) tal-Kodici Civili** din il-Qorti taqbel li rikors bhal dan seta' sar quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili. Madanakollu dan ma jeskludix il-kompetenza ta' din il-Qorti u ser tghaddi biex takkolji t-talbiet kif dedotti. Certament dan seta' jirrifletti fuq il-kap tal-ispejjez f'kaz li kien jirrizulta li l-izball kien wiehed addebitabbli lill-intimat.

Fil-kaz odjern, taqbel ma' dak eccepit mid-Direttur intimat, li ma jirrizultax li sar zball da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, *stante* li dak imnizzel fl-att tal-mewt hu skont dak dikjarat mid-dikjarant, li ghamel in-notifika tal-mewt, Leone Bugeja, kif jidher minn Dok DRP1 esebit mar-risposta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddjara li jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt numru 1970/2016 (Dok C), billi fil-kolonna 'jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla', Filippo Bugeja jirrizulta bhala 'armel' ta' Carmela Bugeja nee` Borg.

2. Ghalhekk tordna lill-intimat jaghmel id-debita korrezzjoni fl-att tal-mewt numru 1970/2016 ta' Filippo Bugeja fis-sens, li fil-kolonna 'Jekk hux mizzewweg/mizzewga jew le, armel jew armla,' il-kelma "widower" tigi sostitwita bil-kelma "married."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont **l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Frar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar 2019**